TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

**Neville Carabott**

**Vs**

**Colin Pavia**

CCT 42/25/CC

Illum 13 ta' Mejju, 2025

It-Tribunal;

Ra t-Talba tal-attur ipprezentata fit-28 ta' Frar 2025, fejn talab rifuzjoni ta' l-ammont ta' erba' mija u hamsin ewro (€450) rapprezentanti ammont imhallas minnu ghal servizz ta' trasport ta' l-iskola, liema servizz kellu jinghata minghand l- intimat.

Ra li l-intimat debitament notifikat bl-Avviz tat-Talba u tas-Smigh ta' din il-procedura, ma ipprezentax risposta, izda deher flimkien mal-konsulent legali tieghu fis-seduti datati 29 ta' April 2025, u 6 ta' Mejju 2025.

Sema' l-attur Neville Carabott fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2025 jirriduci s-somma mitluba, b'dan li l-ammont tat-talba ghandu jkun ta' €250 (mitejn u hamsin ewro).

Sema' lil intimat Colin Pavia jikkonferma li l-ammont ta' €250 (mitejn u hamsin ewro) huwa dovut, u ghalhekk f'dak l-istadju ammetta t-talba.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra ;

Illi fuq ammissjoni ta' l-intimat ghat-talba kif ridotta mill-attur fl-ammont ta' €250 (mitejn u hamsin ewro), t-Tribunal qieghed jilqa' l-istess talba.

Illi t-Tribunal wara li sema' l-ammissjoni ta' l-intimat ghal ammont kif ridott ta' €250 (mitejn u hamsin ewro), u qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-intimat ghandu jirrifondi lura s-somma ta' €250 (mitejn u hamsin ewro) lil attur.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi u fic-cirkostanzi tal-kaz, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-Talba avvanzata mill-attur limitatament ghal ammont ta' €250 (mitejn u hamsin ewro) ghar-ragunijiet hawn elenkati.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jithallsu mill-intimat.

C. Cherrett

Avv. Dott. Charmaine Cherrett

Arbitru